**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1209/97

Maria Angela Cassar

vs

Dipartiment tas-Sahha

Illum 27 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1995 hija sofrejt ingustizzja meta ma gietx promossa ghal Skala 8 - Nursing Officer.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Hija kienet giet impjegata mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1981 fil-grad ta' Staff Nurse wara li ghamlet il-course ta' tlett snin b'success. Matul il-perijodu tal-impjieg taghha hija ghamlet

diversi courses kemm dawk organizzati mid-Dipartiment tas-sahha kif ukoll fuq inizjattiva personali. Barra minn hekk ghal sentejn shah qabel ma hargu l-applikazjonijiet ghal promozzjonijiet fi Skala 8, hija giet appuntata mill-awtoritajiet tal-Isptar biex taghmel ix-xoghol ta' Head of Section jew ahjar Nursing Officer in charge tal-Ward MS3 bir-responsabilitajiet kollha li din il-kariga ggib maghha, is-supervizjoni tal-kura medika moghtija lill-pazjenti, is-supervizjoni ta' l-istaff kif ukoll tal-istudenti. Fl-1995 harget l-applikazzjoni ghall-Grad ta' Nursing Officer Skala 8. Hija applikat u fil-fatt resqet ghall-interview quddiem il-Bord tal-ghazla. Dan kien jikkonsisti minn Ms. Nikolina Farrugia, is-Sur Pupul Abdilla, u s-Sur Abela. Niftakar li dan l-interview dam ghaxar minuti u dan tafu ghax zammet il-hin. Wara sena hareg ir-rizultat u hija giet klassifikata fil-71 post u minhabba li dak iz-zmien kien hemm 46 vakanza hija baqghet barra. Giet maqbuza minn hafna nies b'anqas esperjenza, kwalifki u personalita' minnha. Barra minn hekk gew promossi nies li kienu studenti taghha u li ma kellhom ebda esperjenza fl-amministrazzjoni tas-swali tal-Isptar. Il-process tal-ghazla kien suggettiv ghall-ahhar u dan sar bi skop. Dawn l-ingustizzji saru maghha b'mottiv politiku minhabba l-fatt li kemm hija kif ukoll ir-ragel taghha huma attivi f'Partit Politiku li dak iz-zmien kien fl-opposizzjoni.

Illi hija kienet fi hsiebha ggib biex insostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi hija tiehu l-promozzjoni dovuta lilha b'effett retroattiv jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistaxjinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-intimat ma hux il-legittimu kontradittur stante illi ma' ghandux il-poter li jaghti promozzjonijiet. Dawn ta' l-ahhar jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-proceduri kollha mis-sejha ghall-applikazzjonijiet sa l-ghazla ta' dawk li ghandhom jinhatru huma kollha proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrenta stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li applikat ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Nursing Officer (Skala 8) fid-Dipartiment tas-Sahha. Ipprezentat il-'Curriculum Vitae' taghha u kopji ta’ certifikati.

Is-Sejha ghall-applikazzjoniijiet kienet saret fit-13 ta' Ottubru 1994 permezz ta' cirkolari interna Nru DH 159/94 mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha, ma' liema cirkolari kien hemm mehmuza (subjoined) ic-cirkolari relattiva mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru ref MPO/BII No 31/94 datata 10 ta' Ottubru 1994 (ara Appendici 4). Ir-rizultat gie ppubblikat fit-28 ta' Marzu 1996. Ir-rikorrenti giet kklassifikata fil-71 post fl-ordni tal-mertu finali b'138 marka. L-ewwel 57 kandidat klassifikati kienu nghataw il-promozzjoni. Is-57 kandidata gabet 139 marki jigifieri marka wahda biss aktar minni.

Ir-rizultat finali ngata fuq il-bazi ta' interview. Semmiet l-kriterji stabbiliti, kif jirrizula mir-rapport finali tal-Bord ta' l-Ghazla li jgib id-data 19 ta' Dicembru 1995. Sostniet li l-ewwel tliet kriterji huma necessarjament l-aktar suggettivi kemm fil-mistoqsijiet li jistghu jsiru kif ukoll fl-apprezzament imparzjali (jew mhux) tat-twegibiet moghtija. Fuq kollox dawn kienu jgorru l-akbar numru ta' marki - 150 minn total ta' 200 marka jew 75%.

Qalet: "Kull kandidat nghata marki relattivi fuq il-komportament tieghu u dwar dak li wiegeb waqt l-interview. Fil-kaz tieghi dan ma damx aktar minn ghaxar minuti u personalment inhoss li kien jisthoqqli marki ferm ahjar minn dawk li nghatajt. Dan ghaliex ix-xoghol kont nafu sewwa, tant li minn zmien qabel jiena kont diga` qeghda naghmel ix-xoghol ta' Nursing Officer fis-sala MS 3 b'kapacita` u ghas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet ta' l-Isptar…Fir-rigward ta' l-Esperjenza nghatajt 22 marka minn 30. Jiena kkwalifikajt bhala Registered Nurse fil-5 ta' Awissu 1981. Hdimt bhala nurse fil-klinika ghal min ibati bid-dijabete, fid-Dipartiment ta' l-Out Patients ta' l-Isptar San Luqa, fis-sala tal-Kirurgija Urology Ward S4 (fejn f'April 1985 inhtart Deputy Nursing Officer) u minn Novembru 1987 fis-sala tal-kirurgija ta' l-irgiel MS3 illum maghrufa bhala General Dependency Ward. Sa minn April 1955 hdimt bhala Deputy Nursing Officer bir-responsabbiltajiet kollha ta' Nursing Officer meta dan ma jkunx xoghol. Ghal aktar minn tliet snin fis-sala MS3 jiena kont qieghda namministra s-sala prattikament wahdi ghaliex in-Nursing Officer…B'dan kollu jiena nghatajt 22 marka biss minn total ta' 30. Ma jistax wiehed ma jaghmilx paragun ma' xi marki li nghataw kandidati ohra fl-istess kriterja. Per ezempju s-Sur Lawrence Azzopardi nghata 25 marka u s-Sur Paul Azzopardi nghata 24 marka ta' l-esperjenza meta dawn ikkwalifikaw bhala Registered Nurses tmien snin warajja i.e. fl-1989 b'tal-ahhar ma jkollu l-ebda esperjenza diretta ta' xejn fil-management tas-swali ta' l-Isptar. Dan jista' facilment jigi konfermat mir-records tad-Dipartiment.

Jekk wiehed imbaghad jara il-marki li nghatajt ghall-kwalifiki jsib li skond il-kriterji stabbiliti (ara Appendici 2) jiena nghatajt total ta' 13-il marka minn 20 (10 marki tal-SRN Registration, 2 marki tal-First Line Management Course u marka wahda biss minn massimu ta' tlieta ghall-kors li jiena kont ghamilt fl-1994 fuq inizjattiva personali. Dan il-kors kien fl-Effective Management u kien organizzat mic-Chamber of Commerce). Kandidat iehor is-Sur Paul Pace jidher li nghata 3 marki ghall-istess course fl-'Effective Management' u 10 marki tal-SRN Registration ghal total ta' 13-il marka l-istess bhal ma nghatajt jien, izda meta huwa kellu l-eba dwlifikia fil-First Line Management bhalma kelli jien."

Xehed il-Professur Cutajar u semma li lir-rikorrenti jafha u ilu jafha mill-1984 meta fetah id-dipartiment tal-urologija f' St. Lukes u kienet wahda mill-ewwel nurses li kellhom dak iz-zmien f' dan id-dipartiment il-gdid u bazikament off and on ilu jafha minn dak iz-zmien. Kienet mill-ewwel grupp ta' nurses li kienu ttrenjaw ghal din l-ispecjalita` l-gdida u mill-bidu kienet turi mhux biss interess imma kellha dedikazzjoni w devozzjoni ghan-nursing. Kienet dejjem lesta biex titghallem. Qatt ma kellhom xi problema maghha anzi kemm-il darba kienet tigi tistaqsi u ghadha sal-lum hekk. Qal: "Kienet efficjenti, proficjenti u wahda mill-affarijiet li l-aktar li kienet tolqotni kienet id-dedikazzjoni taghha u l-mod kif kienet timxi mal-pazjenti, kellha certu mod kif timxi mal-pazjenti li kien gentili u din hija haga li hija importanti hafna fin-nursing profession."

Xehed Frank Attard Senior Principal fil-Human Resources fid-Dipartiment tas-Sahha u sostna li r-rwol tad-Dipartiment tas-Sahha huwa minimu fis-sens li jindika l-vacancies biss imma s-selection issir through l-Public Service Commission. F' dan il-kaz l-istess jigifieri gurisdizzjoni fis-selection m' ghandux id-dipartiment. Fil-file ta' Maria Angela Cassar ma jirrizultax xi complaint ghall-fatt li ma haditx il-promozzjoni.

Dwar min jappunta l-membri tal-bord nghid li fil-fatt hija l-Public Service Commission pero` huwa veru li d-dipartiment jirrakkomanda tnejn minn tliet persuni in kwistjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

***Analisi tar-rapport tal-Bord tal-Ghazla:***

Dan jinsab esibit a fol 25 et tal-process. Dan it-Tribunal ma jhobbx jidhol fil-mertu ta' rapporti bhal dawn in generali izda kull tant ihoss li ghandu d-dover li jirrileva dak li hu grossolan fl-ingustizzja. L-allokazzjoni tal-marki kienet hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Management skills | 60 marks out of 200 marks - | 30% |
| Personality | 50 marks out of 200 marks - | 25% |
| Command of Subject | 40 marks out of 200 marks - | 20% |
| Experience | 30 marks out of 200 marks - | 15% |
| Qualifications | 20 marks out of 200 marks - | 10% |

Dan it-Tribunal dejjem hass li tnejn mill-aktar elementi importanti huma l-kwalifiki u seniority, u huma mezz oggettiv kif ghandha tinghata promozzjoni. Naturalment dawn mhumiex kollox ghax hemm diversi elementi ohra bhal efficjenza, esperjenza u

personalita' li certament iridu jittiehdu in kunsiderazzjoni. Dwar kwalifiki ma hemmx ghalfejn jinghad hafna kliem li dawn ghandhom jigu moghtija importanza fundamentali specjalment meta minn-natura tax-xoghol dan ikun specjalizzat u ghalhekk hu wkoll ta' importanza li l-kwalifici ikunu kemm jista' jkun vicin ta' dik il-linja. Fi kwalifici t-Tribunal dejjem inkluda l-aspetti teknici wkoll bhal Trades specjalment meta dawn kienu utli ghax-xoghol propost.

It-Tribunal ihoss li ghandha importanza kbira s-seniority. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

***Kunsiderazzjonijiet specjali tal-kaz:***

Issa f'dan il-kaz l-element ta' seniority mhux imnizzel u ghalkemm experience ghandha konnotat differenti normalment, f'dan il-kaz tassumi aktar importanza li ma hemmx l-element ta' seniority.

Infatti fir-rapport insibu “The mark awarded for experience was based on the number of years in the profession and the areas in which the candidate had practised during these years”. Dwar Seniority jissemma li “In the case of ties, Seniority was determined in terms of the Estacode para 1.3.6.”

Dwar experience ta’ min isemmi li r-rikorrenti li ghal sentejn shah qabel ma hargu l-applikazjonijiet ghal promozzjonijiet fi Skala 8, hija giet appuntata mill-awtoritajiet tal-Isptar biex taghmel ix-xoghol ta’ Head of Section jew ahjar Nursing Officer in charge tal-Ward MS3 bir-responsabilitajiet kollha li din il-kariga ggib maghha, is-supervizjoni tal-kura medika moghtija lill-pazjenti, is-supervizjoni ta’ l-istaff kif ukoll tal-istudenti. Ir-rikorrenti <u>missa inghatat 25 marka daqs Azzopardi u mhux 22 marka.</u>

Interessanti hu l-fatt li dwar kwalifiki nghatat 13 il-marka. Skond fol 26 [r-rapport tal-Bord] applikant kellu jinghata 10 marki ghal SRN Registration, 2 marki ghal First line Management. Mela r-rikorrenti li kellha wkoll l-Effective Management li kien organizzat mic-Chamber of Commerce inghatat marka wahda biss ta’ dan il-kors. Kandidat iehor is-Sur Paul Pace jidher li nghata 3 marki ghall-istess course fl-'Effective Management'. <u>Ghalhekk hi kella tinghata 3 marki wkoll u mhux 1 kif inghata.</u> Dan apparti dak li intqal fuq dwar allokazzjoni ta’ marki izda t-Tribunal ma jistax jirrevedi dan l-aspett ghax ma giex prezentat bl-allokazzjoni tal-marki ta’ kull applikant.

Dan iwassal biex ir-rikorrenti jizdidulha 5 marki meta hi ma kinitx hadet il-promozzjoni ghal marka wahda u ghalhekk tigi li suppost hadet il-promozzjoni.

Dwar l-eccezzjoni tal-intimat li hu ma hux il-legittimu kontradittur stante illi ma' ghandux il-poter li jaghti promozzjonijiet, ghax dawn ta' l-ahhar jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hu ovvju li rikors irid jigi istitwit kontra l-Kap tad-Dipartiment koncernat skond l-artikolu 181B tal-Kap 12. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenzi tieghu tad-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99. Inoltre it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Nursing Officer mid-data li fiha hadu l-kariga l-applikanti l-ohra, u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm had l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas d-differenza fil-paga li sofriet.

Spejjez kontra l-intimat.